# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**11/17**

**Minuti tal-ħdax –il Laqgħa tas-sbatax –il sena (Is-Sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis 19 ta' Awissu, 2010.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-SurCarmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph M. Formosa | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

PPP dwar *resurfacing* ta' toroq ġewwa Santa Venera

**1.0 Item 1: Talba**

**1.1** Il-Laqgħa bdiet fl-12.10 p.m. u nfethet b'talba qasira mill-Viċi Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**Ftuħ tal-Laqgħa**

Il-Viċi Sindku s-Sur Horace J. Anastasi filwaqt li rringrazzja lil kulħadd talli attendew għal din il-laqgħa anke' hekk imsejħa fi żmien qasir, spjega li l-urġenza ġejja mill-fatt li sal-20 ta' Awissu l-Kunsill irrid jagħti risposta dwar toroq li sejrin jidħlu f'dan il-proġett u dwar il-finanzjament ta' dawn it-toroq.
Saret diskussjoni dwar il-ħtieġa lill-Kunsill ikollu finanzi biżżejjed sabiex ilaħħaq mal-ħtiġijiet u funzjonijiet stabbiliti tal-Kunsill.
Issemmew diversi toroq u f'dan l-istadju ġie diskuss li aħjar il-Kunsill jagħmel Anqas toroq milli jisallab finanzjarjament. Kien f'dan l-istadju lill-Viċi Sindku bi qbil mall-Kunsilliera ppreżenta lista ta' ħames toroq – li huma:

| | |
|---|---|
| Misraħ Santa Venera | €42,444.80 |
| Triq l-Imsida | €40,139.06 |
| Triq Braille | €46,721.75 |
| Triq il-Lunzjata | €45,606.26 |
| Triq Misraħ il-Barrieri | €120,877.47 |

Fuq informazzjoni li kiseb il-Kunsill dawn it-toroq huma stmati li jiswew €295,789.34.

Nhar it-Tnejn, 16 t'Awissu, 2010 inżammet laqgħa mal-accountant, fejn ikkonfermatilna lill-ħidma tal-Kunsill rigward tal-PPP tat-Toroq indikati ma kienitx se tippreġudika l-finanzi tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera

Is-Sur Horace J. Anastasi spjega lill-Kunsill lis-Sur Albert Borg mill-Uffiċċju tal-Periti nkarigati mill-Kunsill assikura li kull Triq imsemmija hi sħiħa u mhux parti minn Triq.
Il-Kunsill kompla jiddiskrivi l-aspetti dwar dan il-proġett u li sejjer ikun proġett fit-tul li jimplika l-finanzi tal-Kunsill fit-tul.
Il-Kunsill ħa fil-konsiderazzjoni tiegħu l-mod kif sejjer jiġi finanzjat dan il-proġett speċjalment lill-Kunsill sejjer ikollu żieda ta' finanzi fl-allokazzjoni tiegħu dwar il-manutenzjoni tat-toroq u lill-manutenzjoni ta' dawn it-toroq tkun responsabilita' tal-kuntrattur mingħajr spiża għall-Kunsill.

**Konklużjoni**

Il-Kunsill wara li ħa l-konsiderazzjoni kemm tal-qagħda finanzjarja kif ukoll il-benefiċju dwar dan il-proġett ta' PPP qabel li dan huwa ta' fejda għar-residenti ta' Santa Venera u għalhekk għandu jinforma dwar dan lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jkompli fuq dan il-proġett kif meħtieġ.

Is-Sur Stephen Sultana astjena u spjega li filwaqt li hu favur ir-resurfacing tat-toroq, iħoss illi l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel dan il-proġett matul din is-sena għaliex meta' ittieħded id-deċiżjoni inizjali li jsir dan il-proġett l-financial indicators kienu ferm aħjar.
Il-Viċi Sindku, s-Sur Horace J. Anastasi ġabar il-konklużjoni billi qal lix-xogħolijiet ta' dawn it-toroq għandhom terminu ta' sena u l-ħlas tagħhom ma jsirx qabel wara dak it-terminu.
Għaldaqstant għal din is-sena finanzjarja l-Kunsill mhux ser ikollu bżonn ta' fondi dwar dan il-proġett ta' PPP dwar toroq ġewwa Santa Venera
Peress lill-Kunsillieri 'l oħra kollha qabblu l-Kunsill se jinforma lid-Dipartiment dwar dan u jkompli sabiex jiffinalizza dwar dawn ix-xogħolijiet.

Joseph M. Formosa
Aġent Segretarju

Horace J. Anastasi
Viċi Sindku

Ikkonfermati _________________